MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 202/2007

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Nathan Cauchi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta` Frar, 2007 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta` mija u tmien liri u erbgha u sittin centezmu (Lm108.64) rapprezentanti ammont illi ghadu dovut in konnessjoni ma` client contract number 1006795 ghal servizzi lilu rezi bejn ix-xhur ta` Gunju u Settembru, 2006.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ma` l-istess talba.

Sema` x-xhieda tal-PL Peter Paul Sammut ghan-nom tas-socjeta` attrici li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont mitlub f`din il-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Innota illi l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa` ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut Nathan Cauchi s-somma mitluba ta` mija u tmien liri u erbgha u sittin centezmu (Lm108.64), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------